MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 4/2007/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**v.**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Maria Theresa maghrufa bhala Terry mart Brigadier Arthur Gera, Philip Amato Gauci u Giovanna maghrufa bhala Jean armla ta' Anthony Soler bhala eredi ta' Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfed Gera de Petri bhala prokuratur ta' l-assenti Irene Bache u**

**bhala esekutur ta’ l-eredita ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, u b’digriet tas-27 ta’ Frar 2009, il-gudizzju f’isem Helen Miles li mietet fil-mori tal-kawza gie trasfuz f’isem Agnese Gera de Petri, Testaferrata Bonici Ghaxaq,
Nicholas Jensen u Irene Bache.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jittratta zewg allegazzjonijiet ta’ ksur tad-dritt fondamentali dwar ta’ proprjeta` ta’ l-intimati appellati: wahda ghax ma inghatax kumpens xieraq ghal esproprjazzjoni u l-ohra ghax ligi emendat l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) b’mod retroattiv.

**2.** Ma hemmx fil-verita` kontestazzjoni dwar il-fatti bazici li jaghtu lok ghal din il-vertenza, liema fatti jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. B’dikjarazzjoni datata 31 ta’ Awissu 1990, il-President ta’ Malta iddikjara illi s-segwenti proprjetatjiet kellhom jigu esproprjati, u cioe il-fondi li jgibu n-numri 223, 224, 225, 226 u 227, Triq ix-Xatt, l-Imsida.[1]
2. L-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta’ Mejju 1991, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita` kompetenti kienet lesta biex thallas ghax-xiri assolut ta’ dawn il-proprjetajiet huwa ta’ mija u disgha u ghoxrin elf Lira (Lm129,000).
3. B’ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 1991, l-intimati Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Beatricie Amato Gauci (li mietet fil-mori tal-proceduri), Helen Miles (li mietet fil-mori tal-proceduri), Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Alfed Gera de Petri bhala prokuratur ta’ l-assenti Irene Bache u bhala ezekutur ta’ l-eredita` ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq iddikjaraw illi ma jaccettawx il-

[1] Ara fol. 8 tal-process originali quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet.

kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tliet mija u tmenin elf Lira (Lm380,000).

4. B'ittra ufficjali ohra ta' l-14 ta' Gunju 1991, l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi fost affarijiet ohra ddikjarat li ma taccettax il-kumpens offert u talbet li dan il-kumpens jkun ta' mitejn u hamsin elf Lira (Lm250,000).

5. B'cedola ta' depozitu ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 1993, il-Kummissarju ta' l-Artijiet iddepozita il-kumpens offert ghall-proprjeta` fuq imsemmija, u dan ai termini ta' l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88. Skond l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 88, dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw, quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet, l-ammont offert lilhom.

6. Fil-25 ta' Jannar 1994, il-Kummissarju ta' l-Artijiet fetah proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet, fejn fost affarijiet ohra talab lill-Bord jiffissa l-kumpens dovut.

7. Fir-risposta taghhom, l-intimati kollha, hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, irribattew li l-kumpens kellu jkun fl-ammont ta' tliet mija u tmenin elf Lira (Lm380,000.00). Mill-atti ma jirrizultax li l-intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi pprezentaw risposta ghar-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

8. Fir-rapport taghhom[2], il-membri teknici tal-Bord, il-Perit Frederick Valentino u Joseph Mizzi, qablu li l-valur tal-fondi urbani (demoliti) 223/224/225/226/227 Marina Street Msida <u>flimkien mal-fondi 2/3/4 Triq Qrejten c/w Triq it-Telgha ta' Gwardamangia, Msida</u> kien ta' mitejn u hamest elef u hames mitt Lira (Lm205,500) <u>fuq il-kumpless intier tal-bini indikat.</u>

9. B'sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 1996, il-Bord, fil-waqt li irrefera ghar-relazzjoni tal-membri teknici, ordna *inter alia* li l-kumpens dovut lill-intimati ghall-esproprju kellu jkun ta' LM205,500. Konsegwentement, ghalkemm dawn il-proceduri quddiem il-Bord kien jirrigwardaw biss l-fondi 223, 224, 225, 226 u 227 Triq ix-Xatt, Msida, l-Bord ordna mhux biss it-trasferiment ta' dawn il-fondi, imma wkoll tal-fondi 2, 3 u 4 Qrejten Street, Msida ghal valur komplessiv wiehed, u dan meta l-fondi fi Qrejten Street

---

[2] Ezebit a fol. 42 tal-process originali quddiem il-Bord.

ma kienux mertu tal-proceduri odjerni. Fl-istess hin, il-kawza li kienet titratta l-kumpens ghall-esproprju tal-fondi 2, 3 u 4 Qrejten Street, Msida baqghet fuq il-lista u ma gietx deciza.

10. Fl-10 ta' Jannar 1997, il-Kummissarju ta' l-Artijiet fetah proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord, ghaliex issottometta illi mill-"konsiderandi" tas-sentenza tal-Bord ta' l-10 ta' Ottubru 1996, kien jidher car (skond hu) li s-somma imsemmija fid-dispozittiv mhux biss tirreferixxi ghall-proprjeta` ohra mertu ta' kawza ohra, imma wkoll ghax ma ttiehidx kont tal-fatt (rizultanti mir-rikors promotorju) li parti mis-somma kienet diga` giet depozitata skond l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88.

11. B'zewg risposti separati, izda identici fil-kontenut taghhom, l-intimati kollha, irrispondew *inter alia*, li fl-ewwel lok ma hemmx dritt ghal ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Bord, billi l-Kap. 88 ma jikkontemplax tali rimedju. Huma komplew jissottomettu hekk: *"Illi fil-meritu huwa minnhu li donnu ir-relazzjoni tal-periti assessuri annessa mad-decizjoni ta' l-10 ta' Ottubru, 1996 kienet tikkoncentra ukoll proprjeta` ohra apparti dik in kontestazzjoni. Jekk din is-sottomissjoni kellha tigi accettata allura ikun mehtieg li ssir stima gdida minn assessuri ohra nominati ghal dan l-iskop."*

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-Kummissarju ritrattant, oggezzjona illi fil-kaz li l-Bord jordna ritrattazzjoni, din ghandha issir quddiem membri teknici differenti[3].

13. Fis-seduta quddiem il-Bord ta' l-4 ta' Gunju 2002, gie verbalizzat hekk:[4]

*"Meta issejhet il-kawza deher* [recte: dehret] *il-PL Vanessa Magro ghall-Kummissarju ta' l-Art u l-konvenuti assistiti minn Dr Jacqueline Borg.*
*Il-konvenuti* [recte: intimati] *jiddikjaraw illi huma qed jirtiraw il-kontestazzjoni taghhom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed jawtorizzaw lill-Bord biex jghaddi mill-gdid ghas-smiegh u stima ta' l-art in kwistjoni* [u]

---

[3] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet a fol. 42 *et seq.* tal-process ta' ritrattazzjoni.
[4] Ara fol 76-77 tal-process ta' ritrattazzjoni.

*qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-provi kollha li diga`* [gew] *prodotti fir-rikors relattiv li ghandu jigi ritrattat.*

*In visto* [recte: vista] *ta' dan il-Bord qed jinnomina bhala Periti lill-AIC Renato Laferla u lil AIC Joseph Jaccarini jordna l-allegazzjoni tal-process tar-rikors (sakemm mhux diga allegat) rikors fl-istess ismijiet deciz 10/10/1996. ... ...*

*Il-kawza tibqa' differita ghar-rapport u ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2002."*

14. Permezz ta' rikors ipprezentat fl-4 ta' Ottubru 2002, il-Kummissarju ritrattant talab lill-Bord: *"(1) jirrevoka 'contrario imperio' l-ordni illi permezz tieghu z-zewg periti li ffurmaw parti mill-Bord fil-kawza illi taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni gew issostitwiti b'periti ohra stante illi dak l-ordni inghata minghajr ma kienet inghatat sentenza separata illi ordnat ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza u wkoll stante illi ma kien hemm ebda raguni skond il-ligi biex dawk il-periti jigu hekk sostitwiti, u (2) jordna r-ritrattazzjoni, li dwarha illum m'hemmx izjed kontestazzjoni, permezz ta' sentenza specifika kif irid il-Kodici ta' Organizizzjoni u Procedura Civili u jghaddi ghall-istess ritrattazzjoni bil-Bord kif kien kompost ghas-smiegh tal-kawza ritrattata."*[5]

15. B'digriet tat-8 ta' April 2003, il-Bord laqa' t-talba tal-Kummissarju ritrattant ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tieghu ta' l-4 ta' Gunju 2002, fejn issostitwixxa l-membri teknici, u rrizerva li jipprovdi ghal hatra tal-membri teknici wara sentenza finali f'dak ir-rikors ta' ritrattazzjoni[6].

16. B'sentenza tat-8 ta' April 2003 ukoll, il-Bord laqa' t-talba tar-rikorrent u hassar u irrevoka s-sentenza tieghu ta' l-10 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet premessi u ghall-istess ragunijiet premessi fir-rikors ordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza[7].

---

[5] Ara rikors a fol. 84 *et seq.* tal-process ta' ritrattazzjoni.
[6] Ara fol. 93 tal-process ta' ritrattazzjoni.
[7] Ara fol. 105-109 tal-process ta' ritrattazzjoni.

17. Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Settembru 2003 quddiem il-Bord, il-partijiet qablu li kien sar access nhar l-14 ta’ Frar 2002 mill-Periti Renato La Ferla u l-Perit Joseph Jaccarini, u cioe` qabel fil-fatt saret in-nomina taghhom bid-digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 2002 fil-proceduri odjerni[8]. Fil-fatt dawn il-periti kienu gew mahtura membri teknici tal-Bord fil-proceduri biss rigwardanti l-kumpens ghall-esproprju tal-fondi 2, 3 u 4 Qrejten Street, Msida (liema proprjetajiet m’humiex mertu tal-proceduri odjerni). F’dik is-seduta quddiem il-Bord. il-partijiet ittrattaw il-kwistjoni jekk il-membri teknici tal-Bord kellhomx jigu mibdula jew le. Ir-rikors gie differit ghal provvediment ghall-20 ta’ Ottubru 2003.

18. Fil-waqt li l-kawza kienet qieghda tigi differita ghal dan il-provvediment, gie promulgat l-Att XVII ta’ l-2004, li *inter alia* emenda l-Artikolu 25 tal-Kap. 88, u wara s-subartikolu (1) ta’ dan l-Artikolu, gie introdott il-*proviso* gdid li gej:

*“Izda l-ammont ta’ kumpens li jigi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta’ dan is-subartikolu m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet.”*[9]

L-Artikolu 4(2) ta’ l-Att XVII ta’ l-2004 jikkontjeni disposizzjoni transitorja li tippreskrivi illi:

*“Il-provvedimenti ta’ l-artikoli 25 u 31 kif emendati b’dan l-artikolu japplikaw ghall-proceduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni mahruga taht l-artikolu 3 ta’ l-Ordinanza li tkun saret qabel ma jidhol fis-sehh dan l-artikolu.”*

19. Il-provvediment inghata mill-Bord fit-12 ta’ Settembru 2005, wara diversi differimenti li fihom ma sar xejn. F’dan il-provvediment, il-Bord rega’ hatar lill-Periti

[8] Ara fol. 113 tal-process ta’ ritrattazzjoni.
[9] Ara l-Artikolu 4(1)(a)(i) ta’ l-Att XVII ta’ l-2004.

Renato Laferla u Joseph Jaccarini biex jiehdu konjizzjoni mill-gdid tar-rikors. Il-Bord ordna li *"L-imsemmi* [recte imsemmija] *periti ghandhom fi zmien hmistax m'llum jipprezentaw relazzjoni, fid-dawl ukoll ta' tibdil fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta."*[10]

20. Wara diversi differimenti, il-Bord ta s-sentenza finali tieghu fis-27 ta' Marzu 2006[11]. F'din is-sentenza il-Bord *inter alia* osserva hekk:

*"2. Ra li l-intimati ma accettawx il-kumpens u talbu rispettivament Lm225,000* [recte Lm250,000] *u Lm380,000.*

*3. Ra d-digriet tieghu tat-12 ta' Ottubru* [recte Settembru] *2005 li bih rega' hatar lill-Periti Renato La Ferla u l-AIC Joseph Jaccarini biex jaghmlu access u jiehdu konjizzjoni ta' dak id-digriet. Il-Bord iddiskuta mal-periti r-rapport taghhom. Billi l-proprjeta 'de quo' m'ghadhiex tezisti imma kien bini u li kien ghalxejn li jsir access. Huma affermaw ir-rapport taghhom u hallew f'idejn il-Bord jiddeciedi l-kumpens skond tibdil li sar fil-ligi.*

*4. Il-periti stmaw il-kumpens dovut ghal trasferiment tal-fondi fuq imsemmija fl-ammont ta' Lm1, 681,895.*

*5. L-oghla ammont li ntalab hu ta' Lm 380,000 skond it-tibdil li sar fil-ligi l-Bord, minkejja r-relazzjoni tal-periti, ma jistax imur oltre."*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord *inter alia* ordna illi l-kumpens dovut lill-intimati ghall-esproprju tal-propjeta` in kwistjoni kien ta' Lm380,000, li minnhom kien hemm depositati Lm129,000 taht l-awtorita` tal-Qorti. Jigi rilevat, li mill-atti ma jirrizultax li r-rapport tal-membri teknici tal-Bord, il-Perit Renato La Ferla u l-Perit Joseph Jaccarini gie ipprezentat fil-process, u lanqas jirrizulta li gie anness mas-sentenza tal-Bord.

[10] Ara fol. 127 tal-process ta' ritrattazzjoni.
[11] Ara fol. 144 *et seq.* tal-process ta' ritrattazzjoni.

21. L-intimati kollha appellaw mis-sentenza tal-Bord b'zewg rikorsi ta' l-appell separati[12]. In sintezi l-aggravju taghhom huwa li skond il-ligi kif kienet meta nbdew il-proceduri originali quddiem il-Bord u anke meta nbdew il-proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord, il-kumpens dovut lilhom kellu jkun dak li jirraprezenta l-valur ta' l-art fuq is-suq fid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghal Ftehim, u dan ikun kemm ikun u kif jigi stabbilit mill-istess Bord u l-periti membri tal-Bord. Huma issottomettew li fil-mori tal-proceduri tar-ritrattazzjoni, id-dritt taghhom ghal kumpens gie menomat bl-emendi li saru bl-Att XVII ta' l-2004, li konsegwenza tieghu minflok baqa' dritt ghal kumpens xieraq li jirraprezenta l-valur tal-proprjeta` fis-suq fid-data ta' l-Avviz ghal Ftehim, sar l-oghla ammont mitlub mill-intimati fil-proceduri, b'tali mod li huma gew imcahhda minn dak il-kumpens li l-ligi stess kienet tistabilixxi bhala dak l-ammont gust u li l-periti tal-Bord stess stabbilew fit-termini tal-ligi. Huma ssottomettew li dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt taghhom tal-proprjeta`, kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huma ilmentaw ukoll illi d-dewmien ta' zmien mehud quddiem il-Bord sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lilhom sar wiehed mhux biss irragonevoli izda anke kkrealhom pregudizzju serju billi cahhadhom minn ammont ta' kumpens sostanzjali, u dan bi ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

22. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet ukoll appella mid-digriet ta' l-4 ta' Gunju 2002 fejn gew nominati periti in sostituzzjoni ta' dawk nominati originarjament, mid-decizjoni tal-Bord tat-12 ta' Settembru 2005 u mis-sentenza tal-Bord ta' 27 ta' Marzu 2006. Fost aggravji ohra, il-Kummissarju ilmenta illi: (**i**) in-nomina tal-periti Renato La Ferla u Joseph Jaccarini fl-4 ta' Gunju 2002 waqt il-procedura ta' ritrattazzjoni kienet wahda intempestiva mhux biss ghax dawn il-periti nhatru wara illi kienu diga ghamlu l-access fl-14 ta' Frar 2002, imma wkoll ghax ma kenitx ghadha nghatat is-sentenza fuq jekk kienx hemm lok ghar-ritrattazzjoni jew le; (**ii**) ma kien hemm l-

[12] Ara fol. 151 *et seq.* u fol 174 *et seq.* tal-process tal-Qorti ta' l-Appell.

ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-Periti Frederick Valentino u Joseph Mizzi, illi kienu membri tal-Bord illi ta s-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 1996, kellhom jigu sostitwiti. Dawn il-periti kienu taw valur globali ghall-fondi 223, 224, 225, 226 u 227 Triq ix-Xatt, Msida u 2,3, u 4 Qrejten Street Msida, minghajr ma specifikaw kemm minn dak il-valur huwa attribwibbli lil kull fond, jew ghall-inqas lill-fondi (anki jekk kollha f'daqqa) li jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawza. Ghalhekk skond il-Kummissarju appellant, dawn il-periti ma kienux esprimew rwiehhom dwar kemm jiswew il-fondi meritu tal-kawza odjerna; (**iii**) ir-rapport tal-periti La Ferla u Jaccarini fih diversi difetti li ma jirrenduhx validu *ai termini* tal-Kap. 88, in partikolari stante li ladarba l-periti kienu ser jiddipartixxu minn dak li huwa pacifiku, huma kienu obbligati li jisimghu x'ghandhom xi jghidu l-partijiet dwar dak illi huma kienu qed jipproponu. Il-Kummissarju appellant issottometta wkoll li l-istima tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita` u ta' l-indipendenza, stante li saret abbazi ta' access illi sar qabel ma' dawn il-periti sostituti gew nominati mill-Bord u wkoll peress illi, skond il-Kummissarju appellant, mill-mod kif inhija redatta l-istima tirrizulta pre-disposizzjoni cara li jigu agevolati s-sidien intimati. Skond il-Kummissarju appellant, dawn il-fatti kollha jikkostitwixxu ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq.

23. Dan l-appell instema' u gie trattat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), cioe` komposta minn Imhallef wiehed, u gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar 2007.

24. Fl-24 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat dan id-digriet:[13]

*"Ezaminati l-atti ta' l-appelli interposti mill-kontendenti, jirrizultaw dikjaratament fihom aggravji bazati fuq allegazzjonijiet ta' ksur ta' principji Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Hekk ir-rikorrenti qed jallegaw ksur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Dan in referenza ghall-proviso introdott bl-Att XVII*

[13] Ara fol. 235-236 tal-process.

*ta' l-2004 ghall-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88. Minn naha l-ohra l-Kummissarju, qed jallega ksur tal-principju fundamentali tas-smigh xieraq ghal motiv li l-istima tal-periti Jaccarini u Laferla tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita u ta' l-indipendenza;*

*Il-Qorti jidhrilha li ghall-importanza taghhom il-kontestazzjonijiet tal-lezjoni tal-jeddijiet fundamentali involuti ghandhom jigu mistharrga u approfonditi mill-forum idoneju;*

*Konsegwentement, fil-waqt li tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 illi l-atti jigu riferiti lill-Prim'Awla, Qorti Civili biex din taghti l-gudizzju taghha fuq dawk il-materji puri ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. Fil-frattemp, l-appelli qed jigu differiti sine die, riappuntabbli fuq talba b'rikors ad hoc minn xi wahda mill-partijiet, wara d-decizjoni ta' dik il-Qorti l-ohra."*

25. Fil-procedura ta' riferenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-intimati appellati indikaw s-segwenti bhala punti allegatament minnhom imqajma fir-rikors ta' l-appell, u li skond huma kellhom jigu decizi f'dawn il-proceduri ta' riferenza:

1. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea li jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta, billi l-kumpens dikjarat ma jirriflettix il-kumpens xieraq u dovut, izda huwa kumpens limitat bl-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 ghall-*proviso* ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 88.
2. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea mehud flimkien ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u dan billi l-*proviso* ghall-Artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ghal Skopijiet Pubblici huwa att mahsub sabiex jeqred jew jelimina d-dritt protett taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea aktar minn dak provdut u permess taht l-istess Konvenzjoni.

3. vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi (a) il-proceduri sabiex jigi stabbilit il-kumpens dovut lill-intimati ma gewx decizi fi zmien ragonevoli u li dan it-tul ta' zmien wassal sabiex jigi limitat id-dritt ghal kumpens xieraq fid-dawl tal-protezzjoni ghat-tgawdija tal-proprjeta kif protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea; (b) in oltre fid-dawl taz-zmien mehud ghall-imsemmija proceduri, u l-introduzzjoni ta' l-emenda in kwistjoni gew lezi l-istess artikoli ukoll billi giet milhuqa sitwazzjoni ta' nuqqas ta' parita` gudizzjarja bejn il-partijiet (*'parity of arms'*)[14].

26. Fin-nota tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-Kummissarju appellant indika s-segwenti bhala punti allegatament minnu imqajjma fir-rikors ta' l-appell, u li, skond huwa, kellhom jigu decizi f'dawn il-proceduri ta' riferenza: *"... ... il-ksur tal-principju fundamentali tas-smiegh xieraq billi l-istima tal-Periti Teknici nominati mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tivvjola l-principju ta' l-imparzjalita u ta' l-indipendenza kif sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni."*[15]

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**3.** B'sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet din ir-"referenza kostituzzjonali" billi laqghet "it-talba ta' l-intimati kontenuta fir-riferenza kostituzzjonali ta' l-24 ta' Jannar 2007" u iddikjarat illi bl-applikazzjoni ta' l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 ghal *proviso* ta' l-artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici ghall-kaz in ezami fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Maria Teresa Deguara Caruana Gatto" (Rikors 1/2007) gew lezi d-drittijiet fundamentali ta' l-intimati u senjatament l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li

[14] Ara fol. 243-244 tal-process in prim istanza.
[15] Ara fol. 247 tal-process in prim istanza.

jipprotegu d-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta` u ghalhekk l-istess decizjoni hija f'dan il-kuntest nulla u bla effett b'dan li l-kumpens illi ghandu jigi stabbilit a favur ta' l-intimati minhabba l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` taghhom ghandu jsir skond Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien qabel ma dahlet *in vigore* l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004. Fl-istess waqt il-Prim Awla tal-Qorti Civili qatghet u ddecidiet billi fil-konfront tal-lamentela tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fl-istess riferenza kostituzzjonali ta' l-24 ta' Jannar 2007 fejn kien qed jallega li hemm ksur tal-principju fundamentali tas-smiegh xieraq ghal motiv li l-istima tal-Periti Jaccarini u Laferla jivvjolaw il-principju ta' imparzjalita` u ta' indipendenza, cahdet it-talba peress "li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt". Il-Prim Awla ordnat lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta' l-Appell sabiex l-istess "taderixxi ruhha" ma' din id-decizjoni.

**4.** L-ispejjez ta' din ir-riferenza kostituzzjonali kellhom ikunu a karigu tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

**5.** Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza, qed tigi annessa kopja tas-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008 bhala appendici, biex din tifforma parti integrali tal-odjerna sentenza.

**<u>L-appell</u>**

**6.** Il-Kummissarju ta' l-Artijiet hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha. Safejn setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell – ghax fil-verbozita` tieghu huwa ftit konfuzjonarju – u mit-trattazzjoni quddiemha, l-aggravji tieghu huma bazikament is-segwenti:

1. Permezz tal-*proviso* ghall-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88, il-legislatur dahhal kjarifika fil-ligi fejn l-ammont ta' kumpens li ghandu jigu stabbilit mill-Bord m'ghandu qatt jeccedi l-oghla kumpens illi jkun intalab minn xi wahda mill-partijiet – principju applikabbli, skond l-appellant, f'kull tribunal gudizzjarju. Din l-emenda saret minhabba dak li, skond l-appellant, kienet interpretazzjoni hazina tal-ligi f'xi kaz jew tnejn precedenti, decizi mill-Bord. Ghalhekk,

skond l-appellant, din l-emenda ma illimitatx il-kumpens izda irregolat biss il-procedura.
2. Illi l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-mod kif applikat il-kuncett ta' *legitimate expectation*, kif stabbilit mill-gurisprudenza, fil-kuntest tad-dritt tal-proprjeta`.
3. Illi din l-emenda bl-ebda mod ma naqqset minn xi dritt li parti kellha quddiem qorti jew tribunal rispettivament, ghaliex huwa assurd li wiehed jitkellem fuq "dritt" li jircievi kumpens ghal art aktar milli huwa stess, minghajr ma kien soggett ghal ebda limitazzjoni, ikun talab taghha.
4. Illi l-ewwel qorti kienet zbaljata meta cahdet l-ilment tieghu li l-agir tal-membri teknici tal-Bord u l-istima li waslu ghaliha tivvjola l-principju ta' imparzjalita` u ta' l-indipendenza kif sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**7.** Dawn l-aggravji m'humiex elenkati fl-ordni li fihom gew sottomessi fir-rikors ta' l-appell, izda huma sintezi tad-diversi lanjanzi ta' l-appellant, li din il-Qorti ppruvat ittihom ordni logiku. Dan ghaliex minn dak li hija setghet tifhem mis-sottomissjonijiet li saru mill-intimati appellati quddiem l-ewwel Qorti, u fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell, l-intimati appellati qieghdin jilmentaw essenzjalment minn zewg vjolazzjonijiet distinti tad-dritt taghhom ta' proprjeta` kif protetti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, u cioe:

1. li l-applikazzjoni retroattiva ta' l-emenda in kwistjoni vvjolat il-*legitimate expectations* taghhom li l-kumpens taghhom ghall-esproprju jigi determinat skond il-ligi allura vigenti u mhux skond l-emenda li giet promulgata fil-mori ta' dawk il-proceduri, u li, skond huma, cahdithom minn parti sostanzjali tal-kumpens li ghalih kienu intitolati;
2. li l-ammont li gie likwidat mill-Bord ma kienx jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprju ta' l-art taghhom, ghaliex il-Bord kien applika l-emenda impunjata.

**8.** Sfortunatament, id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg allegati vjolazzjonijiet mhux dejjem giet mizmuma la mill-partijiet infushom u lanqas, bid-dovut rigward, mill-Prim Awla fis-sentenza taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti – cioe`

tal-Qorti Kostituzzjonali, dawn iz-zewg ilmenti ghandhom jinzammu distinti u separati, ghax altrimenti ikun hemm konfuzjoni ta' kuncetti. Ghalhekk, it-tieni aggravju fuq elenkat jirrigwarda l-ewwel ilment ta' l-intimati appellati, fil-waqt li t-tielet aggravju jirrigwarda it-tieni ilment taghhom.

**9.** Ghal dan l-appell tal-Kummissarju, irrispondew l-intimati appellati li irribattew l-aggravji ta' l-appell.

**10.** Jigi rilevat li fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni jekk l-introduzzjoni ta' l-emenda in kwistjoni b'mod retroattiv, kienitx tikkostitwixxi wkoll ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-appellati odjerni[16]. Pero` fir-risposta taghhom ta' l-appell, l-intimati appellati ghamlu sottomissjonijiet f'dan ir-rigward. Jinghad mill-ewwel li din il-Qorti sejra tinjora ghal kollox dawn is-sottomissjonijiet, u dan ghaliex kif diga` gie rilevat aktar 'il fuq, meta din il-Qorti kienet qieghda tesponi l-fatti saljenti tal-kawza *de quo*, il-bazi ta' riferenza tal-Qorti ta' l-Appell fid-digriet taghha ta' l-24 ta' Jannar 2007 lill-Prim Awla tal-Qorti Civili hija limitata ghall-allegat ksur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront ta' l-intimati appellati u ghall-allegat ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropa fil-konfront tal-Kummissarju appellant. Konsegwentement ir-riferenzi identifikati mill-intimati appellati fin-nota taghhom ipprezentati quddiem il-Prim Awla, relatati ma' allegat ksur fil-konfront taghhom ta' l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma humiex parti mill-mertu ta' din ir-referenza kostituzzjonali. Fi proceduri ta' riferenza bhal dawk odjerni, il-gurisdizzjoni kemm tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta strettament mat-termini tar-riferenza kif impustata minn dik il-Qorti li tkun ordnat tali riferenza. In oltre, il-partijiet fi

[16] Kif fil-fatt, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghamlet fil-kawza fl-ismijiet **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet v. Calleja Frank et** (Rik. Nru. 6/2007), li ghandha xi fattispecje simili – ghalkemm mhux identici - ghal dawk fil-kawza odjerna. L-appell minn din is-sentenza qieghed jigi deciz mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-lum stess.

procedura ta’ riferenza ma jistghux jissollevaw kwistjonijiet li ma jkunux inkluzi fit-termini tar-riferenza.

**11.** La darba gie spjanat it-terren, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-Kummissarju appellant, pero` qabel taghmel dan, hija tixtieq tirrileva zewg affarijiet. L-ewwelnett din il-Qorti m’hi sejra bl-ebda mod tikkunsidra l-effett fuq din il-kawza tas-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 49 tal-Kostituzzjoni, u dan mhux biss peress li quddiem il-Prim Awla ma naghtat ebda eccezzjoni bbazata fuq din id-disposizzjoni - ghalkemm l-ewwel Qorti kkunsidrat din il-kwistjoni *ex officio* - izda, aktar importanti, peress li fl-istadju ta’ l-appell ma kien hemm ebda aggravju bbazat fuq din l-istess disposizzjoni.

**12.** Fit-tieni lok hemm il-kwistjoni sollevata *ex officio* fl-udjenza tat-18 ta’ Settembru 2009. F’dik l-udjenza, wara li giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza, din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li ghamlet l-ordni ta’ referenza lill-Prim Awla “x’aktarx ma kellhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-appell li kellha quddiemha” u dan peress li kienu diga gew fis-sehh l-emendi fil-Kap. 88 li jipprovdu li l-appelli mill-Bord kellhom jinstemghu mill-Qorti ta’ l-Appell komposta minn tlett Imhallfin u mhux, kif kienet dik il-Qorti meta ghamlet l-ordni ta’ referenza, komposta minn Imhallef wiehed. Fl-imsemmija udjenza tat-18 ta’ Settembru 2009 din il-Qorti stiednet lill-partijiet jiddikjaraw jekk, minkejja dan, huma jaqblux li l-appell xorta wahda jinstema u jigi deciz minn din il-Qorti, u, f’kaz li ma jaqblux, biex l-istess partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-kwistjoni jekk l-ordni ta’ referenza kienx fic-cirkostanzi wiehed validu jew le. B’nota pprezentata fit-30 ta’ Settembru 2009, il-Kummissarju tal-Artijiet fisser li hu ma kienx jaqbel li l-kwistjoni tigi determinata minn din il-Qorti u dan peress illi, skond hu, “l-ordni ta’ referenza li permezz tieghu inghata bidu ghall-proceduri odjerni huwa wiehed null”. Dwar din il-kwistjoni saru sottomissjonijiet fl-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2009 mid-difensuri tal-partijiet.

**<u>Pregudizzjali</u>**

**13.** Din il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet relattivi, hi tal-fehma li ma tirrizulta ebda invalidita` fir-rigward tal-ordni ta' referenza kif originarjament maghmul, anke jekk il-Qorti tal-Appell li ghamlitu kienet komposta minn Imhallef wiehed. Fir-rikors tal-appell quddiem dik il-Qorti – u tajjeb li jigi osservat li il-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn tliet Imhallfin u sia jekk komposta minn Imhallef, hija qorti wahda (Artikolu 3(b), Kap. 12) – tqajjmu kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali li l-Qorti tal-Appell, sia jekk komposta minn Imhallef wiehed u sia jekk komposta minn tlieta, ma kienitx kompetenti li tiddeciedi u li allura bilfors kellha tirreferi, permezz ta' ordni ta' referenza, lill-Prim Awla. Ghalhekk, ghall-finijiet tal-ordni ta' referenza li effettivament sar, il-Qorti ta' l-Appell, anke jekk kienet komposta minn Imhallef wiehed biss, kienet kompetenti li taghmel dak l-ordni, u dana qed jinghad ukoll anke ghall-finijiet effetti kollha tal-Artikolu 774 tal-Kap. 12. Ghandu jigi osservat, inoltre, li ebda wahda mill-partijiet qatt ma qajmet, la quddiem il-Qorti tal-Appell li ghamlet l-ordni u lanqas quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz ta' dak l-ordni kellha tidderimi punti ta' indoli kostituzzjonali, xi eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti wahda jew l-ohra, jew xi eccezzjoni ta' nullita` tal-proceduri jew tal-atti. Illum, il-kawza tinsab fl-istadju ta' appell mid-decizjoni tal-Prim Awla. Anqas jista' jinghad li kien hemm xi nuqqas ta' "kompetenza" jew ta' "gurisdizzjoni" ghall-finijiet tal-Artikoli 798 u 790 tal-imsemmi Kap. 12, ghax, kif inghad, il-kwistjonijiet sollevati bilfors u necessarjament kellhom jigu riferiti lill-Prim Awla. Ghalhekk, l-ordni ta' referenza li sar kien wiehed validu, il-Prim Awla kienet kompetenti li tiehu konjizzjoni tieghu (kif effettivament ghamlet), u din il-Qorti ghandha ghalhekk tghaddi biex tiehu konjizzjoni tal-appell li interpona l-Kummissarju tal-Artijiet. Ovvjament, wara din il-Qorti tiddeciedi dana l-appell, l-atti jigu rinvjati lill-Qorti ta' l-Appell u r-Registraur ghandu jiehu hsieb li dawn igibhom quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta minn tliet Imhallfin.

**L-ewwel aggravju**

**14.** Fl-ewwel aggravju tieghu l-Kummissarju appellant issottometta illi permezz tal-*proviso* ghall-Artikolu 25 tal-

Kap. 88, il-legislatur dahhal kjarifika fil-ligi fejn l-ammont ta’ kumpens li ghandu jigu stabbilit mill-Bord m’ghandu qatt jeccedi l-oghla kumpens illi jkun intalab minn wiehed mill-partijiet – skond hu, principju applikabbli f’kull tribunal gudizzjarju. Din l-emenda saret minhabba dak li, skond l-appellant, kienet interpretazzjoni hazina tal-ligi f’xi kaz jew tnejn precedenti, decizi mill-Bord. Ghalhekk, skond l-appellant, din l-emenda ma illimitatx il-kumpens izda irregolat biss il-procedura.

**15.** L-emenda li giet introdotta bl-Att XVII ta’ l-2004, ziedet is-segwenti *proviso* ghall-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88: *“Izda l-ammont ta’ kumpens li jigi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta’ dan is-subartikolu m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet.”* Din l-emenda dahlet fis-sehh fit-23 ta’ Dicembru 2004, izda bi provvediment transitorju kien gie provdut illi kellha tapplika ghall-proceduri kollha, anke dawk pendenti dwar art li fuqha hemm dikjarazzjoni mahruga taht l-artikolu 3 ta’ l-Ordinanza (Kap. 88) li tkun harget qabel ma dahlet fis-sehh din l-emenda.

**16.** Issa, qabel dahlet fis-sehh din l-emenda, u skond il-proceduri applikabbli qabel dahlu fis-sehh l-emendi ta’ l-2002 ghall-Kap. 88, il-ligi ma kienet timponi l-ebda obbligu fuq is-sid ta’ l-art esproprjata li huwa jindika x’kien il-kumpens li kien qed jippretendi ghall-art *de quo*, u kien sufficjenti ghalih illi huwa jikkontesta biss dak li kien qed joffrilu l-Kummissarju ta’ l-Artijiet billi jsostni biss illi dak il-kumpens offrut ma kienx gust u reali, u seta’ jistrieh biss u joqghod fuq dak il-kumpens li kien ser jiffissa l-Bord.

**17.** Skond l-Artikolu 25(1)(e) tal-Kap. 88, wahda mill-funzjonijiet tal-Bord hija illi: *“jiffissa l-ammont ta’ kumpens li ghandu jithallas taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza u ghal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix area tajba ghall-bini jew hix raba’ inkella moxa.”* Imbaghad skond l-Artikolu 27(1) tal-Kap. 88 dan il-kumpens kellu jigi iffissat billi:

***“(1)…… l-Bord, meta jigi biex jiffissa l-kumpens, ghandu josserva dawn ir-regoli:***

***(a) ebda zjieda m'ghandha tinghata minhabba illi l-akkwist ikun obbligatorju;***
***(b) il-valur ta' l-art, minbarra kif jinghad hawnhekk izjed il-quddiem, ghandu jittiehed li hu l-ammont illi l-art tista' ggib kieku tigi mibjugha fis-suq minn sidha volontarjament."***

**18.** L-unika eccezzjoni f'dan ir-rigward u li kienet applikabbli ghac-cirkostazi tal-kaz odjern, tinsab fil-paragrafu (i) tal-*proviso* ghall-Artikolu 27, u li jippreskrivi hekk[17]:

***"il-valur ta' l-art huwa l-valur illi jkollha l-art fiz-zmien tan-notifika ta' l-avviz ghall-ftehim, u minghajr ma jittiehed qies ta' benefikati jew xogholijiet maghmulin jew mibnija wara fuq l-art hawn imsemmija u meta l-art kienet fil-pussess ta' l-awtorita` kompetenti minnufih qabel in-notifika ta' l-avviz ghall-ftehim ebda qies ma jittiehed, fl-iffissar tal-valur ta' l-art, ta' benefikati jew xoghlijiet maghmulin jew mibnija mill-awtorita` kompetenti waqt li kellha l-pussess ta' l-art."***

**19.** Ghalhekk, qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emenda in kwistjoni, il-Kap. 88 ma kien jimponi fuq il-Bord l-ebda limitazzjoni dwar l-ammont ta' kumpens illi huwa seta' jistabilixxi relattivament ghall-art li kienet qed tigi esproprjata, salv biss illi tali kumpens kellhu jkun mahdum u ibbazat fuq id-disposizzjonijiet applikabbli ta' l-istess Kap. 88. Fil-fatt, qabel id-dhul fis-sehh ta' din l-emenda, kien hemm ghall-inqas tlett kazijiet fejn il-Bord illikwida kumpens aktar minn dak li talbu is-sidien. Ghalkemm, il-Kummissarju appellant jissottometti li dawn is-sentenzi kienu ibbazati fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi, fis-sentenzi ta' ritrattazzjoni ta' dawn it-tlett kazijiet, il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt ma kien hemm l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi, ghaliex l-emenda introdotta bl-Att XVII ta' l-2004 ma kienitx diga` applikabbli ghall-proceduri quddiem dak il-Bord qabel ma ghaddiet l-istess

[17] Id-disposizzjoni qed tigi riprodotta kif kienet qabel l-emendi tal-2002.

emenda[18]. Kif sewwa osserva l-Bord f'dawn it-tlett sentenzi ta' ritrattazzjoni: *"In fatti l-fatt fih innifsu illi giet fis-sehh tali emenda bl-att fuq imsemmi u l-fatt ukoll illi nhasset il-htiega illi jinghata ukoll effett il-provvediment transitorju illi ghamel din l-emenda applikabbli anke ghall-proceduri li huma diga` pendenti huma fatti ndikattivi illi tali limitazzjonijiet introdotti bl-emenda ta' l-Att XVII ta' l-2004 ma kienux applikabbli ghall-proceduri li kienu pendenti quddiem il-Bord qabel ma ghaddiet tali emenda."*

**20.** Huwa veru li l-Qrati Civili taghna, f'kawzi normali fejn jintalab li jigi likwidat kumpens, huma marbutin li ma jillikwidawx kumpens f'ammont ghola minn dak li jitlob l-attur jew rikorrenti li jkun. Pero`, fl-ewwel lok, kif kienet il-procedura applikabbli ghall-kaz odjern fiz-zmien rilevanti, kien l-istess Kummissarju appellant – u mhux is-sidien appellati - li fetah il-proceduri quddiem il-Bord u talbu *"jiffissa kumpens ghall-proprjeta` fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap.88)"*[19], u dan minghajr ebda kwalifika jew limitazzjoni ulterjuri. Fit-tieni lok, il-Qrati Civili huma marbutin li ma jaghtux kumpens ghola minn dak mitlub mill-attur jew rikorrenti ghax hemm disposizzjonijiet specifici fil-Kap. 12 li jimponu dan l-obbligu[20].

**21.** Pero` qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, kollox kien jindika illi l-Bord kien awtorizzat illi b'sentenza tieghu jasal u jistabilixxi kumpens oghla minn dak illi s-sid intimat ikun ippretenda li jinghata. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-Kummissarju appellant illi l-emenda in kwistjoni kienet tikkostitwixxi semplici "kjarifika tal-ligi", izda l-emenda in kwistjoni tikkostitwixxi fir-realta` imposizzjoni ta' limitazzjoni ohra fuq l-ammont ta' kumpens li l-Bord jista' jillikwida favur is-sid intimat.

**22.** Fid-dawl tas-suespost, dan l-aggravju tal-Kummissarju appellant qed jigi michud.

---

[18] Ara s-sentenzi, **Kummissarju ta' l-Artijiet v. John Saliba et**, **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet v. John Mary Vella et**, u **Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Paul Vella et** kollha decizi mill-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet fit-30 ta' Mejju 2006.

[19] Ara fol. 2 tal-process originali quddiem il-Bord.

[20] Ara Artikolu 790 tal-Kap. 12 dwar in-nullita ta' sentenzi, u l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 dwar ir-ritrattazzjoni.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**23.** Fit-tieni lok, il-Kummissarju appellant jilmenta illi l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-mod kif applikat il-kuncett ta' *legitimate expectation*, kif stabbilit mill-gurisprudenza. Huwa jissottometti illi l-intimati appellati ma kellhomx *a legitimate expectation* ghall-kumpens imsejjah shih, kif deciz mill-membri teknici tal-Bord, izda kellhom *a legitimate expectation* li jiehdu kumpens xieraq, liema kumpens kellu jigi determinat skond il-Kap. 88. Fi kwalunkwe kaz, skond l-appellant, ladarba l-intimati appellati kienu ddikjaraw li qed jippretendu kumpens fl-ammont ta' Lm380,000, dan l-ammont jikkostitwixxi l-massimu ta' l-aspettativa legittima taghhom.

**24.** Min-naha l-ohra, l-ewwel Qorti rriteniet illi l-intimati appellati kellhom *a legitimate expectation* illi l-kumpens taghhom jigi ddeterminat skond il-ligi allura vigenti u mhux permezz ta' regoli li saru bl-istess emenda impunjata, u ghalhekk l-applikazzjoni retroattiva ta' l-istess emenda ghal kazijiet fejn l-esproprju jkun sar qabel ma giet *in vigore* kienet tikser id-dritt taghhom ghal kumpens xieraq kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**25.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra dan l-aggravju fid-dawl ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewroepa. Il-kuncett ta' *legitimate expectation* ma jissemma mkien f'dan l-artikolu, izda gie introdott mill-gurisprudenza. Fis-sentenza **Maurice v. France** deciza fis-6 ta' Ottubru 2005, il-Qorti ta' Strabourg (*Grand Chamber*) qalet hekk: *"The Court reiterates that, according to its case-law, an applicant can allege a violation of Article 1 Protocol 1 only in so far as the impugned decisions relate to his "possessions" within the meaning of that provision. "Possessions" can be "existing possessions" or assets, including in certain well-defined situations, claims. <u>For a claim to be capable of being considered an "asset" falling within the scope of Article 1 of Protocol 1, the claimant must establish that it has a sufficient basis in national law, for example where there is</u>*

*settled case-law of the domestic courts confirming it. Where that has been done, the concept of "legitimate expectations" can come into play."* (enfasi ta' l-esponenti).

**26.** Dan il-kaz ta' **Maurice v. France** kien jikkoncerna t-twelid ta' tarbija b'dizabilita`, liema dizabilita` ma kienitx giet ravvizata waqt it-tqala minhabba negligenza f'dijanjosi waqt il-gestazzjoni. L-applikanti talbu kumpens, izda waqt il-proceduri dahlet fis-sehh ligi gdida li bazikament affettwat wahda mit-talbiet ta' l-applikanti ghal hlas ta' danni, u kienu b'hekk intitolati ghal ferm anqas. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li l-applikanti kellhom *"a legitimate expectation"* ghaliex irriteniet illi *"As to the way in which that claim would have been treated in domestic law had it not been for the enactment of the law complained of, the Court considers that, account being taken of the Quarez judgment given by the Conseil d'Etat on 14 February 1997 and the settled case-law on the question established since then by the administrative courts, the applicants could legitmately expect to be able to obtain compensation for the prejudice they had sustained, including the special burdens arising from their child's disability throughout her life. In the Court's opinion, before the enactment of the law complained of, the applicants had a claim which they could legitimately expect to be determined in accordance with the ordinary law of liability for negligence, and therefore a "possession" within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol 1, which is accordingly applicable in the case."*

**27.** Ghalhekk, wiehed irid jara fl-ewwel lok jekk jistax jinghad li fil-kaz odjern l-intimati appellati kellhomx *a legitimate expectation* illi l-kumpens taghhom kien se jigi stabbilit mill-Bord skond il-ligi allura vigenti f'xi ammont partikolari, u mhux skond ir-regoli introdotti bl-emenda in kwistjoni b'mod retroattiv. Mill-provi jirrizulta illi:

1. Fil-bidu tal-proceduri originali quddiem il-Bord, l-intimati kollha apparti Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, kienu talbu kumpens ta' Lm380,000, ghall-art esproprjata, fil-waqt li z-zewg intimati imsemmija talbu kumpens ta' Lm250,000;

2. Iz-zewg membri teknici tal-Bord qablu li l-valur tal-fondi urbani in kwistjoni <u>flimkien mal-fondi 2/3/4 Triq Qrejten c/w Triq it-Telgha ta' Gwardamangia, Msida</u> kien <u>komplessivament</u> ta' Lm205,500.00, u dan gie konfermat fis-sentenza tal-Bord ta' l-10 ta' Ottubru 1996.

3. Fil-proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord u precisament fis-seduta tal-Bord ta' l-4 ta' Gunju 2002, jidher li bi qbil bejn il-partijiet, il-Bord issostitwixxa lill-membri teknici tal-Bord li kienu ghamlu l-istima originali fil-kawza ritrattata, u minflok innomina bhala membri teknici lill-Perit Renato La Ferla u lill-Perit Joseph Jaccarini, sabiex jergghu jaghmlu stima mill-gdid. Jirrizulta li minkejja li dawn il-membri teknici l-godda gew appuntati f'dawn il-proceduri fl-4 ta' Gunju 2002, huma kienu diga` zammew access fuq il-proprjeta` in kwistjoni fl-14 ta' Frar 2002 – u cioe` iktar minn tlett xhur qabel in-nomina taghhom.

4. Id-digriet ta' l-4 ta' Gunju 2002 fejn gew appuntati il-membri teknici l-godda gie revokat bid-digriet ta' l-8 ta' April 2003. Ma jirrizultax li qabel ir-revoka ta' l-inkarigu taghhom, il-membri teknici l-godda tal-Bord kienu lahqu irredigew ir-relazzjoni taghhom, u fi kwalunkwe kaz, jekk lahqu ghamlu dan, mill-atti tal-process ma jirrizultax li din ir-relazzjoni taghhom giet ezebita fl-atti tal-proceduri jew li nghatat kopja taghha lill-partijiet.

5. Fil-mori tal-proceduri – precizament fiz-zmien li l-kawza kienet qed tigi differita biex jinghata provvediment dwar jekk il-membri teknici originali tal-Bord kellhomx jigu sostitwiti jew le – gie promulgat l-Att XVII ta' l-2004, li *inter alia* ippromulga l-emenda impunjata b'mod retroattiv, u cioe` <u>ghamel l-emenda applikabbli anki ghal proceduri quddiem il-Bord li kienu pendenti, bhal dawk ta' l-intimati appellati</u>. Din l-emenda dahlet fis-sehh fit-23 ta' Dicembru 2004.

6. Fit-12 ta' Settembru 2005 – cioe iktar minn disa' (9) xhur <u>wara</u> il-promulgazzjoni ta' l-emenda impunjata – il-Bord rega' hatar lill-Periti Renato La Ferla u Joseph Jaccarini biex jiehdu konjizzjoni mill-gdid tar-rikors.

7. Ghalkemm, fis-sentenza tieghu tas-27 ta' Marzu 2006, il-Bord jghid li fir-relazzjoni taghhom, dawn iz-zewg periti stmaw il-proprjeta` in kwistjoni Lm1,681,895, ma jirrizultax li din ir-relazzjoni giet ipprezentata fl-atti qabel

inghatat is-sentenza tal-Bord u lanqas tinsab annessa ma' l-istess sentenza. Fil-fatt ma jirrizultax li din is-sentenza qieghda fl-atti. Lanqas jirrizulta li kopja ta' din ir-relazzjoni inghatat lill-partijiet qabel is-sentenza tal-Bord.

**28.** Mis-suespost, din il-Qorti tikkonkludi li:

1. La darba ir-relazzjoni tal-membri l-godda tal-Bord ma kienitx fl-atti qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, ma kien hemm l-ebda raguni li kienet ragonevolment tiggustifika lill-intimati jippretendu li l-ammont li kien se jigi likwidat bhala kumpens mill-Bord kien se jkun ghola mill-ammont li huma stess kienu talbu, dan aktar u aktar meta huma kellhom il-komfort tal-perit *ex parte* taghhom David Pace, li l-ammont minnhom mitlub ta' LM380,000, kien wiehed gust[21].
2. Fi kwalunkwe kaz, lanqas jirrizulta li f'xi stadju tal-proceduri qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni l-intimat appellati ghamlu xi dikjarazzjoni fis-sens li huma kienu qieghdin jitolbu kumpens oghla minn dak ta' LM380,000.
3. In vista tal-fatt li l-Periti La Ferla u Jaccarini regghu gew appuntati mill-gdid wara l-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, l-intimati appellati kienu konsapevoli tal-fatt li l-Bord ma setghax jillikwida kumpens oghla mill-ammont li huma stess kienu talbu. Fil-fatt fid-digriet tan-nomina mill-gdid ta' dawn il-membri teknici tal-Bord, il-Bord ordnalhom espressament illi r-relazzjoni taghhom kellha tigi redatta *"fid-dawl ukoll ta' tibdil fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta."*[22]

**29.** Konsegwentement qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda impunjata, l-intimati appellati ma kellhomx *a legitimate expectation* illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta' l-esproprju f'ammont oghla minn dak minnhom mitlub. Ghalhekk, l-intimati appellati ma kellhomx "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-

[21] Ara xhieda tal-Perit David Pace a fol. 20-21, u fol. 28-31 tal-process originali quddiem il-Bord, u r-relazzjoni minnu ezebita f'dawk il-proceduri.
[22] Ara fol. 127 tal-process ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord.

Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli.

**30.** Baqa’ li jigi konsidrat jekk l-emenda impunjata kisritx il-*legitimate expectation* ta’ l-intimati appellati taht l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni. Rigward din il-kwistjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza taghha tal-lum stess fl-ismijiet **Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet v. Calleja Frank et** (Rikors Nru: 6/2007) fejn din il-Qorti fisseret li l-kuncett ta’ *legitimate expectation* ma jidholx fid-definizzjoni ta’ *“proprjeta`”* fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u dan l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli f’dan il-kuntest.

**31.** Ghaldaqstant, dan it-tieni aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**32.** Fit-tielet aggravju tieghu, il-Kummissarju appellant jissottometti illi din l-emenda bl-ebda mod ma naqset minn xi dritt li parti kellha quddiem qorti jew tribunal rispettivament, ghaliex huwa assurd li wiehed jitkellem fuq “dritt” li jircievi kumpens ghal art aktar milli huwa stess, minghajr ma kien soggett ghal ebda limitazzjoni, ikun talab taghha. Issa fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rriteniet illi bl-introduzzjoni tal-*proviso de quo* gie vjolat id-dritt ghal kumpens xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u li ghall-istess raguni gie vjolat ukoll l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**33.** Jigi osservat illi ghalkemm, kuntrarjament ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-element ta’ kumpens xieraq ma jissemmiex espressament fid-dispositiv ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidem illi l-element ta’ kumpens huwa essenzjali sabiex jigi stabbilit jekk it-tehid ta’ proprjeta jirrispettax il-bilanc ta’ proporzjonalita` bejn il-mizuri li ittiehdu u l-ghan

li jrid jintlahaq[23]. Ghalhekk ma hemm l-ebda differenza materjali bejn iz-zewg disposizzjonijiet ghall-fini tal-kuncett ta' kumpens xieraq. Kif irriteniet, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Nazzareno Galea v. Giuseppe Briffa et** deciza fit-30 ta' Novembru 2001, it-terminu "xieraq" ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma kellux jittiehed semplicement fuq il-kejl ta' "valur rejali tal-proprjeta`" imma bl-applikazzjoni tal-kriterji u l-principji stabbiliti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-kumpens dovut ghat-tehid tal-proprjeta`. Ghal din ir-raguni, ghall-fini ta' dan l-aggravju, il-Qorti sejra tikkunsidra dawn iz-zewg artikoli flimkien, sabiex tara jekk effettivament l-emenda in kwistjoni kisritx id-dritt ta' l-intimati appellati ghal kumpens xieraq.

**34.** Fis-suq liberu tal-bejgh tal-proprjeta`, il-prezz tal-proprjeta` jiddependi fuq l-evalwazzjoni soggettiva tal-bejjiegh tal-valur tal-proprjeta` tieghu, u min-naha l-ohra l-valur soggettiv li xerrej potenzjali jaghti lill-istess proprjeta`. Huwa prezunt li meta l-bejjiegh jiddikjara l-prezz, huwa jkun iddikjara l-valur li bih hu jkun lest li jbiegh. Fi kliem iehor, huwa l-bejjiegh li jistabbilixxi l-kumpens li jkun jixtieq. Issa, huwa ovvju li meta bejjiegh jitfa' l-proprjeta` tieghu ghall-bejgh u jiddikjara l-prezz li jrid taghha, ma huwiex verosimili, u lanqas l-istess bejjiegh ma jkun qed jippretendi, li – f'cirkostanzi normali – huwa sa jsib xerrej potenzjali li se joffrilu li jixtriha bi prezz oghla milli l-istess bejjiegh ikun iddikjara li jrid.

**35.** L-emenda in kwistjoni tippreskrivi li l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet ma jistax jiffissa ammont ta' kumpens li *"jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet."* Fil-fehma tal-Qorti, din l-emenda sempliciment ikkristalizzat, b'ligi ossia disposizzjoni pozittiva, ir-regola tas-suq liberu, u cioe` li huwa l-bejjiegh li jistabbilixxi l-prezz ghall-bejgh tal-proprjeta` tieghu. Huwa veru li hawn mhux qieghdin nitkellmu fl-isfond ta' suq ghall-kollox liberu, imma fl-isfond ta' bejgh forzat, cioe` ta' esproprju. Pero` xorta wahda din il-Qorti hi tal-fehma li jaghmel sens u huwa logiku li din ir-

[23] Ara per ezempju **Scordino v. Italy (No.1)** deciza mill-Qorti Ewropea fid-29 ta' Ottubru 2006, u l-kazistika fiha ikkwotata.

regola, li l-bejjiegh jistabbilixxi fl-ewwel lok il-prezz ghal bejgh tal-proprjeta` tieghu, tibqa' l-istess ossia tkun applikata wkoll fil-kaz ta' esproprju. Fil-kaz odjern, l-intimati appellati kollha, hlief Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, minn rajhom u minghajr ma kienu obbligati bil-ligi kif kienet fiz-zmien rilevanti, iddikjaraw quddiem il-Bord li l-kumpens li kellu jigi moghti lilhom mill-Kummissarju appellant ghall-proprjeta` esproprjata kien ta' tlett mija u tmenin elf Lira Maltin (Lm380,000). Effettivament l-intimati appellati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi talbu kumpens inqas, u cioe` dak ta' mitejn u hamsin elf Lira Maltin (LM250,000).

**36.** Ma hemmx dubbju li fl-opinjoni ta' l-intimati appellati l-ammont ta' LM380,000 kien l-oghla ammont ta' kumpens li kienu intitolati ghalih in kontrakambju ma' l-esproprjazzjoni ta' l-art taghhom, ghax il-ligi ma timponi l-ebda limitu ta' kumpens li s-sid intimat jista' jitlob. Fil-fatt, fil-proceduri originali quddiem il-Bord, huma tellghu jixhed lill-Perit taghhom, l-A.I.C. David Pace, li ta spjegazzjoni fid-dettal, anki permezz ta' relazzjoni li giet ezebita fil-process, kif huwa wasal biex jistima l-proprjeta` esproprjata fl-ammont LM380,000[24].

**37.** Huwa ragonevoli li wiehed jipprezumi illi l-intimati appellati ddikjaraw li huma riedu l-ammont ta' LM380,000 bhala kumpens, u gabu provi biex jissotanzjaw din it-talba taghhom, biex fl-eventwalita` li l-Bord jillikwida kumpens f'ammont inqas minn dak mitlub minnhom, huma jkunu jistghu jipprocedu ghal proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali fejn jallegaw ksur tad-dritt taghhom ta' kumpens xieraq, ghaliex il-Bord ma illikwidax favur taghhom l-ammont kollu li huma talbu.

**38.** Izda fil-fatt, bl-applikazzjoni ta' l-emenda *de quo* il-Bord illikwida l-kumpens precizament fl-oghla ammont intier minnhom mitlub, u cioe dak ta' LM380,000. Konsegwentement huma se jircievu l-ammont shih ta' kumpens li huma talbu, u ghall-precizjoni fil-kaz ta' l-

[24] Ara xhieda tal-Perit David Pace a fol. 20-21, u fol. 28-31 tal-process originali quddiem il-Bord.

intimati Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, dawn se jircievu aktar milli talbu. Ironikament, issa li l-intimati appellati nghataw il-kumpens kollu li talbu, qed jilmentaw ghax ma nghatawx iktar – cioe` ghax ma nghatawx dak li ma talbux! Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-intimati appellati jistghu jilmentaw li gie lez id-dritt taghhom ghal kumpens xieraq, meta l-Bord illikwida favur taghhom il-kumpens kollu li huma talbu.

**39.** A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li hija mhux qed tghid li f'kaz ta' tehid ta' proprjeta` il-kumpens xieraq dovut huwa necessarjament f'kull kaz l-ammont shih li s-sid ta' l-art jitlob ghaliha. Dan ghaliex x'jikkostitwixxi kumpens xieraq f'kaz partikolari irid jigi stabbilit tenut kont tal-valur tas-suq tal-proprjeta` b'mod oggettiv, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jistghu anki f'certi kazijiet jiggustifikaw kumpens inqas mill-valur oggettiv tas-suq[25]. Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu ghat-tehid ta' l-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni ta' l-emenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!

**40.** Il-fatt li l-membri teknici tal-Bord stmaw l-art esproprjata f'ammont oghla milli talbu l-intimati appellati ma jbiddilx il-posizzjoni legali. Fl-ewwel lok, dan il-kaz ghandhu fattispjece partikolari hafna. L-ewwel kumpens offrut lill-intimati appellati mill-Kummissarju appellant, skond stima ta' perit inkarigat minnu, kien ta' LM129,000. L-intimati kollha apparti Anna Maria Spiteri Debono u Caren Preziosi, irritenew li l-kumpens dovut kien ta' LM380,000, fil-waqt li z-zewg intimati msemmija talbu kumpens ta' LM250,000. B'sentenza ta' l-10 ta' Ottubru

[25] Ara is-sentenzi **James and Others v. UK** deciza mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1986 u **Lithgow and Others v. UK** deciza mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Lulju 1986.

1996, il-Bord, fil-waqt li rrefera ghar-relazzjoni tal-membri teknici, ordna *inter alia* li l-kumpens dovut lill-intimati ghall-esproprju tal-proprjeta` mertu tal-kawza odjerna, flimkien ma' propjeta` ohra li ma kienitx mertu tal-kawza odjerna, kellu jkun ta' LM205,500. Ghalhekk huwa ragjonevoli li wiehed jikkonkludi li l-membri teknici tal-Bord kien stmaw il-proprjeta` in kwistjoni f'ammont anqas minn LM205,500. Fil-process ta' ritrattazzjoni quddiem il-Bord, il-membri teknici sostituti stmaw il-fond Lm1,681,895, u la mill-atti u lanqas mid-decizjoni tal-Bord ma tirrizulta xi forma ta' gustifikazzjoni ghaliex l-istima tal-periti sostituti hija tant ezorbitanti u totalment inkonsistenti mal-valuri li kienu nghataw qabel lill-proprjeta` in kwistjoni. Bizzejjed jinghad, li din l-istima hija iktar minn tminn (8) darbiet oghla mill-istima moghtija originarjament mill-Bord fl-ewwel sentenza tieghu, liema stima kienet tikkomprendi stima ta' fondi ohra mhux mertu tal-kawza odjerna, u kwazi hames (5) darbiet aktar mill-ghola talba ghal kumpens li saret mill-intimati appellati infushom, fuq il-parir tal-perit *ex parte* taghhom, il-Perit David Pace, liema perit ta gustifikazzjoni dettaljata ta' kif wasal ghall-istima tieghu. Wiehed ma ghandux bzonn li jkun perit, sabiex jirrealizza li l-istima tal-membri teknici sostituti komparata tal-valuri l-ohra moghtija lill-istess proprjeta` minn periti differenti, inkluz perit *ex parte* tal-partijiet, tistona bil-kbir, u hija sproporzjonata u arbitrarja ghall-ahhar, specjalment meta wiehed jikkunsidra li mill-atti ma jirrizultax li l-membri teknici sostituti taw l-icken motivazzjoni ghal din id-diskrepanza ezorbitanti bejn l-istima taghhom u dik tad-diversi periti l-ohra.

**41.** Fit-tieni lok, l-emenda fil-ligi bl-ebda mod ma naqqset l-ammont ta' kumpens xieraq li l-intimati appellati ddikjaraw li qed jippretendu, ghax, kif gja` nghad, il-kumpens li huma talbu, gie likwidat favur taghhom fl-intier tieghu. Certament, bejjiegh ma jistax jippretendi li xerrej ihallas prezz oghla minn dak li huwa stess ikun talab ghall-bejgh tal-proprjeta` tieghu.

**42.** L-intimati appellati u l-ewwel Qorti ghamlu wkoll riferenza ghas-sentenza ta' **Scordino v. Italy (No.1)** deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (*Grand*

*Chamber*) fid-29 ta' Marzu 2006. Fl-ewwel lok, jigi rilevat, li din is-sentenza tista' tkun rilevanti biss ghal dak li qalet il-Qorti ta' Strasbourg fil-konfront ta' l-allegazzjoni tal-ksur ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mhux ghal dak li qalet fil-konfront ta' l-allegazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ghaliex kif diga` gie rilevat aktar 'il fuq, fil-konfront ta' l-intimati appellati, ir-riferenza kostituzzjonali li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz odjern hija limitata sabiex jigi indagat jekk hemmx ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni lok, minn qari akkurat tas-sentenza ta' **Scordino** jirrizulta illi l-fattispecje f'dak il-kaz kienu totalment differenti minn dawk fil-kaz odjern.

**43.** F'dak il-kaz, Scordino talab li l-kumpens ghat-tehid ta' l-art tieghu kellu jkun il-valur shih li l-art kienet iggib fis-suq fid-data ta' l-esproprjazzjoni, kif kienet tesigi il-ligi Taljana rilevanti[26]. Fil-mori tal-proceduri ghall-kumpens, giet promulgata ligi gdida li stabbiliet kriterji godda ghal kumpens. Konsegwenza ta' din il-ligi l-gdida, Scordino spicca rcieva inqas min-nofs l-ammont ta' kumpens li huwa kien qed jippretendi. Fil-fatt il-Qorti ta' Strabourg, fis-sentenza taghha, qalet hekk: *"101. In the instance case the final amount of the compensation was fixed at ITL 82, 890 per square metre, whereas the estimated market value of the land at the date of the expropriation was ITL 165, 755 per square metre (see paragraphs 32 and 37 above). Consequently, the compensation for expropriation is far lower than the market value of the property in question. Furthermore, tax was subsequently deducted from it at the rate of 20% (see paragraph 41 above)."* Kien ghal din ir-raguni li l-Qorti Ewropea waslet ghal konkluzjoni li *"the compensation awarded to the applicants was inadequate, given the low amount awarded and the lack of public-interest grounds capable of justifying less than compensation at the market value of the property."*[27]

[26] Ara paragrafu 22 tas-sentenza.
[27] Ara paragrafu 103 tas-sentenza.

**44.** Ghalhekk f'dak il-kaz, Scordino ma kienx qed jilmenta li konsegwenza ta' l-emenda tal-ligi inghatalu l-kumpens kollu li talab, imma li konsegwenza ta' dik l-emenda huwa inghata inqas minn nofs il-kumpens li talab. Ghalhekk il-kaz ta' **Scordino** ftit li xejn hu ta' utilita` ghall-fini tar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna.

**45.** Fl-ahharnett u ghall-kompletezza, din il-Qorti tirrileva li l-fattispecje tal-kaz odjern ghandhom jigu distinti minn dawk fil-kaz ta' **Schembri and Others v. Malta**, deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Novembru 2009. Dan il-kaz kien ukoll jirrigwarda l-ammont ta' kumpens dovut konsegwenza ta' dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni li kienet saret hamsa u tletin (35) sena qabel. Il-Qorti ta' Strasbourg ikkonkludiet illi konsegwenza tal-fatt li l-kumpens likwidat kien jirrifletti l-valur tal-proprjeta` ghexieren ta' snin qabel, cioe` fid-data tad-dikjarazzjoni ta' l-esproprju, u mhux il-valur reali tas-suq meta kellu jsir il-kuntratt ta' trasferiment, u konsegwenza tal-fatt li hlas dam ma sar ghal mill-inqas ghoxrin sena – id-data li fiha inghatat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg f'dak il-kaz – *"the national authorities rendered that compensation inadequate and, consequently, upset the balance between the protection of the right to property and the requirements of the general interest".*

**45.** Huwa vera li fil-kaz odjern ghaddew kwazi ghoxrin (20) sena mid-data li fiha gie dikjarat li l-proprjeta` in kwistjoni kienet se tigi esproprjata – cioe` il-31 ta' Awwissu 1990 – u ai termini tal-Kap. 88, il-kumpens dovut lill-intimati appellati huwa l-valur tal-proprjeta` f'dik id-data[28]. Pero` wiehed irid izomm quddiem ghajnejh, li l-ewwel kumpens offrut lill-intimati appellati, skond stima ta' perit inkarigat mill-Kummissarju appellant, kien ta' LM129,000. F'Ottubru 1993, il-Kummissarju appellant iddepozita dan l-ammont taht l-awtorita` tal-Qorti, u l-intimati setghu liberament jizbankawh minghajr ma jitilfu d-dritt li jikkontestaw l-ammont ta' kumpens offrut lilhom[29]. Kif diga` inghad, fl-ewwel sentenza tieghu, il-Bord irritjena

[28] Ara paragrafu (i) tal-*proviso* ghall-Artikolu 27 tal-Kap. 88.
[29] Ara Artikolu 22(4) u (5) tal-Kap. 88, kif kienu qabel l-emendi li sar fl-2002.

li l-kumpens dovut lill-intimati ghall-esproprju tal-proprjeta mertu tal-kawza odjerna, flimkien ma' proprjeta` ohra li ma kienitx mertu tal-kawza odjerna, kellu jkun ta' LM205,500. Ghalhekk huwa ragonevoli li wiehed jassumi li l-valur li l-Bord ta lill-propjeta` in kwistjoni kien inqas minn LM205,500. Skond is-sentenza ta' ritrattazzjoni, l-intimati se jircievu kumpens ta' LM380,000. Dan il-kumpens huwa kwazi tlett (3) darbiet aktar mill-kumpens inizjalment offrut mill-Kummissarju appellant u kwazi darbtejn (2) aktar mill-kumpens likwidat mill-Bord fl-ewwel sentenza tieghu, liema kumpens, kif diga` inghad, kien jinkludi wkoll kumpens ghat-tehid ta' proprjeta` ohra li ma hijiex mertu tal-kawza odjerna. In oltre l-intimati appellati huma intitolati li jircievu imghax bil-5% fuq l-ammont dovut mid-data tat-tehid tal-pussess ta' l-propjeta` in kwistjoni mill-Kummissarju appellant sad-data tal-kuntratt li permezz tieghu l-proprjeta` in kwistjoni tigi moghtija b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta[30].

**46.** Konsegwentement, il-fattispecje tal-kaz odjern huma ben diversi minn dawk tal-kaz **Schembri and Others v. Malta**, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimati appellati se jircievu kumpens gust, u ma jistax jinghad li huma se jsofru dak li l-Qorti Ewropea issejjah *"an individual and excessive burden"*. Konsegwentement, fil-kaz odjern mhux qed jigi disturbat il-bilanc li jrid jinzamm bejn id-dritt ta' proprjeta` ta' l-intimati appellati u l-esigenzi ta' l-interess generali. Il-fatt li l-emenda in kwistjoni llimitat il-massimu tal-kumpens li seta' jigi likwidat mill-Bord fil-proceduri in kwistjoni ghall-ammont intier mitlub mill-istess intimati appellati fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Bord – u mhux l-ammont oghla stabbilit mill-membri teknici tal-Bord b'mod stramb ghall-ahhar – ma jikkostitwix ksur tad-dritt ta' l-intimati appellati ghal kumpens xieraq kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**47.** Konsegwentment, dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

---

[30] Ara it-tieni proviso ta' l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**

**48.** F'dan ir-raba' aggravju il-Kummissarju appellant issottometta illi l-ewwel qorti kienet zbaljata meta cahdet l-ilment tieghu li l-agir tal-membri teknici tal-Bord u l-istima li waslu ghaliha tivvjola l-principju ta' imparzjalita` u ta' l-indipendenza kif sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**49.** Fir-risposta taghhom ta' l-appell, l-intimati appellati kkummentaw b'mod pjuttost superficjali li *"huwa stramba* (recte "stramb") *li l-Gvern jgib ilment li fir-rigward tieghu gew lezi xi drittijiet fondamentali ghaliex se maj huwa l-awtorita` li tiggarantixxi dawk id-drittijiet u ma jistax jkun passiv ta' l-ebda lesjoni ta' drittjiet fondamentali."* Pero`, ma japprofondux din l-osservazzjoni taghhom, u jghaddu biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fil-meritu. Fil-fehma tal-din il-Qorti din l-osservazzjoni jisthoqqilha aktar minn semplici kumment legger ghaliex tincidi fuq il-kwistjoni fundamentali jekk awtorita` governativa ghandhiex *locus standi* li tilmenta minn xi ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti ser tikkonsidra separatament il-pozizzjoni taht il-Konvenzjoni Ewropea u dik taht il-Kostituzzjoni.

**50.** Artikolu 2 tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea jghid li ghall-finijiet ta' dak l-Att il-kelma 'persuna*' "tinkludi kull persuna fizika, organizzazzjoni li ma tkunx governattiva, jew grupp ta' individwi."* Din id-definizzjoni hija kkupjata mill-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea – liema artikolu ma huwiex inkorporat fil-Kap. 319 – li jippreskrivi illi: *"The Court may receive applications from <u>any person, non-governmental organisation or group of individuals</u> claiming to be the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the protocols thereto."* (enfasi ta' din il-Qorti).

**51.** Il-Kummissarju appellant huwa l-kap tad-Dipartiment ta' l-Artijiet li jifforma parti integrali mill-Gvern centrali, li jaqdi il-funzjoni tieghu ghan-nom ta' l-istess Gvern, kif ukoll jattwa l-*policy* tal-Gvern tal-gurnata. Ghalhekk id-

Dipartiment ta' l-Artijiet huwa organizazzjoni governattiva. Konsegwentement huwa ma jaqax taht id-definizzjoni ta' *"persuna"* ghal fini tal-Kap. 319, u ghalhekk ma jistghax jadixxi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju ghal xi allegat ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet u libertajiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea u/jew mill-Protokolli annessi maghha.

**52.** Min-naha l-ohra, il-Kostituzzjoni ma tikkontjeni l-ebda definizzjoni ta' *"persuna"*. Ghalhekk *ai termini* ta' l-Artikolu 124(14) tal-Kostituzzjoni[31], wiehed irid jirreferi ghall-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). Artikolu 4 ta' dan l-Att jippreskrivi illi: *"F'dan l-Att u f'kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, kemm il-darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju - ... ...l-espressjoni 'persuna' tinkludi korp jew ghaqda ohra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-ghaqda jkunu persuna guridika, skond id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."* (enfasi tal-Qorti). Ghalhekk *prima facie* jista' jigi argumentat li l-kelma *"persuna"* fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni – li jikkontjeni d-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali – tirreferi wkoll ghal dipartiment governattiv[32].

**53.** Pero`, il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, jibda billi fl-Artikolu 32 jghid hekk: *"Billi kull persuna f'Malta hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, jigifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess taghha, izda suggett ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn u ta' l-interess pubbliku, ghal kull wahda u kollha kemm huma dawn li gejjin, jigifieri - (a) il-hajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjetà u l-protezzjoni*

---

[31] L-Artikolu 124(14) tal-Kostituzzjoni jippreskrivi illi: *"Meta l-Parlament ikun b'ligi ipprovda ghall-interpretazzjoni ta' Atti tal-Parlament, id-disposizzjonijiet ta' kull ligi bhal dik, ukoll jekk imfissra li jghoddu ghal ligijiet mghoddija wara l-bidu fis-sehh taghha, ghandhom ighoddu ghall-finijiet ta' l-interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni, u xort'ohra relattivament ghaliha, kif ighoddu ghall-fini ta' l-interpretazzjoni u xort'ohra relattivament ghal Atti tal-Parlament bhallikieku din il-Kostituzzjoni kienet Att tal-Parlament mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta' kull ligi bhal dik; ... ..."*

[32] Ara b'analogija is-sentenza **Dott. Eddie Fenech Adami noe v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 1986 (Vol. LXX – Part 1 – pag. 108).

*tal-ligi; (b) il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' ghaqda u assocjazzjoni pacifika; u (c) ir-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, id-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jaghtu protezzjoni ghad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet mahsuba biex jizguraw illi t-tgawdija ta' l-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippregudikax id-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn jew l-interess pubbliku."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**54.** Minn din id-disposizzjoni, jemergi car li l-intenzjoni tal-legislatur tal-Kostituzzjoni taghna kienet li ghandu jkun l-obbligu tal-Gvern li jiggarantixxi lil *"kull persuna f'Malta"* t-tharis tad-drittijiet u libertajiet fundamentali protetti bil-Kostituzzjoni, u ghandu jkun obbligu wkoll tal-Gvern li jizgura li t-tgawdija ta' dawn id-drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippregudikax id-drittijiet u libertajiet ta' l-ohrajn jew l-interess pubbliku. Minn dan isegwi li ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur kostituzzjonali illi organu tal-Gvern jitqies li jaqa' fid-definizzjoni ta' *"persuna"* ghal fini tat-tutela tad-drittijiet fundamentali, ghax tali interpretazzjoni tkun fil-prattika tfisser li l-Gvern jistitwixxi proceduri gudizzjarji kontrih innifsu ghal ksur tad-drittijiet fundamentali – interpretazzjoni li hija ovvjament assurda, ghax persuna ma tistax tkun rikorrenti u intimata fl-istess kawza.

**55.** Huwa vera li ghall-ahjar amministrazzjoni tal-pajjiz, il-Gvern centrali huwa maqsum f'diversi dipartimenti u awtoritajiet li jaqdu funzjoni pubblika u mahluqa in forza ta' xi ligi, pero` dawn id-dipartimenti u awtoritajiet huma kollha manifestazzjonijiet ta' entita` wahda – cioe` il-Gvern. Kif gie ritenut fis-sentenza **Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali v. Direttur tar-Registru Pubbliku et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 1993, *"Din l-unitarjeta` tal-Gvern ... ... hija rifless anke tal-posizzjoni Kostituzzjonali li trid li l-pajjiz ikun iggvernat minn Gvern unitarju. Ghalhekk nuqqas ta' qbil bejn dipartiment u iehor ma jigix risolut il-Qorti, izda fil-Kabinett li jifforma l-Kap tal-Gvern."* F'din is-sentenza, il-

Prim Awla tal-Qorti Civili ghamlet ukoll din l-osservazzjoni: *"Illi tant id-diversi dipartimenti jifformaw parti mill-istess awtorita` ... ... li l-ligi tal-procedura fl-artikolu 181 tirrikjedi li fi skritturi presentati minn Ministru, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku iehor tigi indikata biss il-kariga u mhux il-persuna li tkun qed izzomm dik il-kariga inkwantu dik il-persuna jew ahjar il-kariga innifisha ma ghandhiex personalita` guridika, distinta u separata minn dak* (recte "dik") *tal-Gvern imma tagixxi in rapprezentanza ta' l-unika persuna guridika li hija l-Gvern."*

**56.** Issa huwa veru li fil-kaz odjern, il-Kummissarju appellant mhux qed jilmenta mill-agir ta' xi dipartiment iehor, izda mill-agir tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet – li huwa tribunal amministrattiv b'funzjonijiet gudizzjarji, li *suppost* huwa ghal kollox indipendenti mill-ezekuttiv. Din il-Qorti wzat il-kelma "suppost" in vista tal-fatt li fis-sentenza ricenti taghha fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Rene` Frendo Randon et v. Kummissarju ta' l-Art et**, deciza fl-10 ta' Lulju 2009, gie ritenut li ma jistax jinghad li c-cirkostanzi kollha konnessi mal-hatra tal-membri teknici tal-Bord mehuda fit-totalita` taghhom jaghtu impressjoni oggettiva li dawn il-membri teknici huma verament indipendenti. Ghalhekk tqum il-kwistjoni ta' min huwa l-legittimu kontradittur f'kaz fejn jigi allegat li qorti jew tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji, bhall-Bord in kwistjoni, ikun kiser id-dritt ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**57.** Din il-kwistjoni giet ezawrjentement konsidrata minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **George Xuereb v. Registratur tal-Qrati et** deciza fit-8 ta' Novembru 2004. Din il- Qorti ser ticcita l-konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward fit-totalita` taghom. Din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

*"Issa, l-Artikolu 181B tal-Kap. 12, introdott bl-Att XXIV ta' l-1995, elenka min ghandu jirraprezenta l-Gvern fi proceduri fil-qrati b'mod specifiku. Skond l-Artikolu 181B(1), il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Pero` fis-subinciz (2) il-ligi*

*tkompli tghid li: "L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern." Fis-sistema guridiku taghna, huwa r-ram Ezekuttiv tal-Gvern – il-kelma "Gvern" mifhuma fis-sens wiesa' u pjuttost dottrinali ta' "Stat" – li jidher kemm f'kawzi ta' natura penali (hekk ara, per ezempju, l-Artikolu 4(1) tal-Kodici Kriminali) kif ukoll f'kawzi ta' natura civili, inkluzi dawk kostituzzjonali. Infatti, huwa r-ram Ezekuttiv tal-Gvern li jinsab f'posizzjoni li jista' jaghti rimedju effettiv f'kaz li l-"Istat" jew wiehed mir-rami l-ohra jirrizulta, fi proceduri gudizzjarji, li jkun b'xi mod naqas; u huwa wkoll ir-ram Ezekuttiv li ghandu l-mezzi biex jista' jassigura li, safejn hu possibbli, iz-zewg rami l-ohra ma jagixxux b'mod li jigu lezi d-drittijiet ta' terzi. Kif din il-Qorti, diversament komposta, qalet fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet* **Joseph Abela v. L-Onor. Prim Ministru** *(deciza, ghalhekk, qabel l-emendi introdotti fil-Kap. 12 fl-1995):*

***""F'kawzi ta' natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirittament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja."***

*"U iktar tard fl-istess sentenza din il-Qorti kienet qalet hekk:*

***""…f'dawn il-proceduri ta' natura kostituzzjonali hemm zewg aspetti li mhux necessarjament ikunu konnessi – ir-responsabbilita` ma tkunx***

***necessarjament konnessa mar-rimedju – cioe` l-att anti-kostituzzjonali jista' jkun kommess minn persuna, waqt li r-rimedju jew il-mizuri rimedjali jigu pretizi minn haddiehor…u ghalhekk, dawk il-persuni li jirrapresentaw dawk il-fonti rimedjali qatt ma jista' jinghad li m'humiex illegittimi kontraditturi – anke meta mhumiex responsabbli bl-ebda mod ghall-misfatt kostituzzjonali u ma' ghandhom assolutament ebda possibilita` li jinfluwenzaw b'xi mod dak il-misfatt. Dan qed jinghad b'mod assolut, ghalkemm ir-realta` -- daqstant iehor assolutament – tkun dejjem mod iehor. Per ezempju – fil-kaz ta' dewmien biex tinghata sentenza – il-Qorti ma tkunx qed timrah fl-immaginattiv meta tghid li parti almenu mit-tort ta' dak id-dewmien kien dovut ghan-numru eccessiv ta' kawzi li mhallfin successivi, kellhom, fis-snin li damet il-kawza, fattur dan li xi ftit jew wisq huwa attribwibbli ghall-amministrazzjoni ta' l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u mhux biss esklussivament ghan-nuqqasijiet ta' l-Imhallfin – kif semplicement donnu tirritjeni dik is-sentenza.[33]"***

*"L-Avukat Generali huwa persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija in kwantu jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-allegat lament tar-rikorrent jigi ppruvat, huwa f'pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju – u fil-kaz odjern, ir-rimedju li mad-daqqa t'ghajn jidher li hu l-aktar indikat huwa dak tal-kumpens pekunjarju (kemm-il darba ma tiddecidix li s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni tammonta ghal "just satisfaction"). L-Avukat Generali huwa wkoll persuna tat-tieni kategorija in kwantu dejjem ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, ghalkemm fil-kaz odjern l-Avukat Generali ma hux il-persuna direttament jew indirettament responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent George Xuereb, certament ma jistax jinghad li huwa ma hux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Apparti dan kollu, illum il-legislatur, bl-*

[33] *Ir-referenza hawnhekk hija ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Novembru, 1988 fl-ismijiet* **Lucien Stafrace noe et v. L-Agent Registratur tal-Qrati et***.*

*introduzzjoni ta’ l-Artikolu 181B imsemmi, ghamel il-posizzjoni cara bizzejjed (u b’dan il-mod evita wkoll il-hafna “fishing expeditions” li kienu jigu intraprizi fil-passat biex jigi determinat minn hu l-legittimu kontradittur f’kawzi bhal dik in dizamina) b’mod li din il-Qorti tiskanta kif l-appellant odjern ghadu b’xi mod qed jinsisti li hu ma hux il-legittimu kontradittur.”*

**58.** Ladarba l-legittimu kontradittur ghall-allegat ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni minn xi qorti jew tribunal huwa l-Avukat Generali, ovvjament in rapprezentanza tal-Gvern, isegwi, ghar-ragunijiet fuq esposti, li l-Kummissarju appellant, li wkoll jagixxi f’isem il-Gvern, ma jistax jistitwixxi proceduri ghal “allegat ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq mill-Bord,” ghax kemm il-Kummissarju appellant kif ukoll l-Avukat Generali jiffurmaw parti ta’ l-istess entita` guridika li hija l-Gvern. Kif diga` inghad huwa l-Gvern li huwa obbligat li jiggarantixxi l-harsien tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni, u hija konsegwenza logika li l-Gvern ma jgawdi mill-ebda wiehed minn dawn id-drittijiet fundamentali.

**59.** Fid-dawl ta’ dan kollu jsegwi li, bid-dovut rigward lejn il-Qorti ta’ l-Appell, dik il-Qorti ma setghetx tordna riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex il-Prim Awla tinvestiga jekk kienx gie vjolat “id-dritt fundamentali tal-Kummissarju appellant” ghal smiegh xieraq, ghax il-Kummissarju appellant – bhala entita` governattiva – ma jgawdi minn ebda drittijiet fundamentali.

**60.** A skans ta’ ekwivoci, dan ma jfissirx li jekk, ghal grazzja ta’ l-argument, il-lanjanzi tal-Kummissarju appellant huma fondati, huwa ma jistax ikollu rimedju taht il-ligi ordinarja – bl-eccezzjoni ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) ghar-ragunijiet fuq moghtija. Dak li qed jinghad hawn huwa li l-Kummissarju appellant – bhala entita` governattiva – ma jistax ifittex rimedju taht id-disposizzjonijiet dwar il-harsien ta’ drittijiet fondamentali fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Decide</u>**

**61.** Konsegwentement dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, (**a**) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita` taghha; (**b**) tiddikjara illi li l-emenda introdotta bl-Att XVII tas-sena 2004 bhala *proviso* ghas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) u applikata fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2006 fil-kawza fl-ismijiet *"Il-Kummissarju ta' l-Artijiet v. Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et"* (Rikors 1/1997) ma illedietx id-dritt ta' proprjeta` ta' l-intimati appellati kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (**c**) tiddikjara li l-Kummissarju ta' l-Artijiet – bhala enti governattiva – huwa legalment impedut milli jallega ksur fil-konfront tieghu tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe rimedju iehor li huwa jista' jkollu skond il-ligi ordinarja *si et quatenus;* u (**d**) tordna lir-Registratur jghaddi lura l-atti lill-Qorti ta' l-Appell (komposta kif suppost) sabiex din tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza fil-proceduri pendenti quddiemha. Stante in-novita` tal-punti legali involuti, l-ispejjez ta' din ir-riferenza kostituzzjonali, kemm ta' l-ewwel Qorti kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI A**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 4/07, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 2008, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------